*Hawn il-Mosta meta ssemmi l-festa ta' Santa Marija żgur li b'xi mod apparti l-festi interni, jiġuk quddiem għajnejk ukoll l-festi esterni, armar, baned u logħob tan-nar. S'intendi il-kelma nar tfakkret f'Peppi Mangion jew aħjar kif jafu kulħadd 'Peppi il-Parell' għax ismu hu marbut sew mal-festa ta' Santa Marija u man-nar. Jingħad li Peppi hu l-aktar raġel anzjan f'Malta li ilu jaħdem in-nar u għadu jaħdem.*

# Peppi Mangion — il-Parell

F'kelmtejn li għamilt ma' Peppi fil-Każin ta' Santa Marija hekk kif kien għadu kif spiċċa minn ġurnata xogħol fil-Kamra tan-Nar, beda jirrakontali fil-qosor kif beda jaħdem dan ix-xogħol.

Fil-fatt Peppi twieled fl-1928 u beda jinteressa ruħu fil-logħob tan-nar fl-età ta' 16-il sena. Dak iż-żmien beda jaħdem ma' Pawlu Sant 'Ta' Wenzina' u dam miegħu tliet snin. F'dan il-perjodu li dam ma' Wenzina tgħallem sew x-xogħol tan-nar u ngħaqad ma' grupp ieħor ta' nies fosthom Fidiel Camilleri u Toni Ebejer li bdew jaħdmu f'razzett fl-inħawi tal-Blata l-Għolja. Wara xi sena sid ir-razzett ried ir-razzett lura u kellhom jerġgħu jmorru lura fil-Kamra tan-Nar, dik ta' wara l-ground tal-football.

Meta staqstejtu minn fejn kienu jiġbru l-flus għall-materjal tan-nar, Peppi qalilna li kienu jagħmlu xi xogħol għal postijiet oħra fosthom il-Mellieħa, il-Kalkara u s-Sannat, Għawdex. Kien jgħinhom ukoll il-Prokaratur tal-festa Dun Ġużepp (Ta' Kamlata). Sadattant il-grupp li kellhom jaħdmu in-nar kiber u ġew magħhom Toni Sant u Paċik Saliba.

Dwar ir-riċetti li kienu jużaw f'dawk iż-żmienijiet Peppi qalli li dawn kienu ħorox ħafna u ċerti kuluri isbaħ minn tal-lum, sintendi perikolużi ħafna. Fil-fatt irrakontali li kienet waħda minn dawn ir-riċetti li kkaġunat disgrazzja kbira fil-kamra tan-nar.

Kien il-Ġimgħa, 6 ta' Ġunju, għal ħabta tal-5.30 ta' filgħaxija meta bħas-soltu kienu qegħdin jaħdmu xi nar għall-festa ta' l-Assunta. Fil-kamra kien hemm sitta minnies, fosthom Peppi l-Parell, Paċik Saliba, Toni Ebejer, Pawlu Sant, Toni Sant u Fidiel Camilleri. Fidiel Camilleri kien barra l-kamra jimla murtal tal-kulur, abjad tad-dawl li kien perikoluż ħafna. F'ħin minnhom seħħ xi spark, ix-xogħol li kellu f'idu ħa n-nar. Taret xi stilla filbitħa tal-kamra tan-nar fejn kien hemm xi xogħol ieħor biex jinxef u ħa n-nar ukoll. Min kien fil-bitħa telaq jiġri 'l barra iżda Toni Sant ma laħaqx skappa għax il-blata tal-bieb waqgħet fuqu u ħallietu hemm. Sadattant in-nar infirex ġewwa u seħħet splużjoni li qerdet kollox kumplitament. Wara l-isplużjoni Peppi reġa' lura l-kamra fejn sab lil Toni Sant kważi mejjet u fil-fatt miet ftit wara. Fidiel miet ġimgħa wara. Wara xi jiem minn dan l-inċident Peppi reġa' medd għonqu għax-xogħol u mar l-kamra tan-nar inaddaf u jibni mill-ġdid il-post.

➥ ikompli paġna 51


G&I

Pet and Aquatic Shop

32, Triq l-Oratorju, Mosta MST 07

Tel. 411780



Il-Pet Shop fejn issib kull tip ta' għasafar ta' l-għana u għasafar eżotiċi bħal Amorini u Love Birds.

Issibu wkoll għażla kbira ta' ħut tropikali u aċċessorji għall-Aquarium tiegħek u kull bżonn għall-pets

Just arrived Souvenirs for Weddings

Da Lucrezia

Constitution Street,

Tarġa Gap, Mosta

Up the hill (past the bridge)

Tel: 411307

Invitations

Friday morning closed



# Peppi Mangion – il-Parell

minn paġna 50

Wara dan l-inċident l-kamra li kienet ta' Pawlu Wenzina inbiegħet bil-permess b'kollox lil Ġużeppi Grech (il-Paramount). Xi żmien wara il-permess dar fuq Freddie Magri u għadu jokkupah sal-lum. Reġa' beda' jsir ix-xogħol tan-nar f'din il-kamra u baqgħet tintuża sal-1980 fejn kellha titneħħa minħabba li l-bini li kien qed jinbena ġie viċin wisq.

Fl-1959 Peppi ħadem għar-rasu fejn għamel ix-xogħol tan-nar kollox waħdu.

Sadattant żdiedu aktar nies jaħdmnu n-nar f'din il-kamra li fosthom kien hemm l-aħwa taċ-Ċiċ, Wiġi Bonnici, Karmnu u Ġanni l-iskultur. Barra li kienu jaħdmu nar ta' l-ajru kienu ukoll jaħdmu n-nar ta' l-art li kien jintrema quddiem d-dar ta' l-Arċipriet. Kiem jinħadem nar spettakoluż fejn fosthom kienet tispikka l-famuża 'miġnuna' li kienet speċi ta' ċirku b'xi funtani marbuta magħha u togħla għoli 'l fuq mill-kampnar tal-knisja.

Meta staqstejtu dwar kif kien jinħadem il-porvli f'dawk iż-żminijiet Peppi qalli li bħala materjal hu l-istess bħal tal-lum bid-differenza li qabel kien jinħadem kollox bl-idejn u mhux bil-mutur. Minflok il-mutur kellhom il-'lida' speċi ta' ballata, zokk oħxon indendel minn tarjola u jballat il-porvli għal erba' siegħat sħaħ. Kienu iballtu nofs siegħa kull wieħed.

## Inċident ieħor

Fil-25 ta' Jannar, 1970 seħħ inċident ieħor li fortunatament ma kienx wieħed fatali. Dakinhar Peppi flimkien ma' Freddie Magri kienu qegħdin jippressaw xi stilla vjola meta f'daqqa waħda din sparkjat. Peppi qalilna li kien l-aktar wieħed li nħaraq u dam l-isptar erba' xhur. Il-passjoni li għandu għal din l-arti ma' qatgħetx qalb Peppi u meta ħareġ mill-isptar reġa' kompla bix-xogħol tan-nar. Sadattant ingħaqdu aktar nies jaħdmu n-nar fost oħrajn Ir-Ruman, il-Bubinu u Salvu ż-Żerriegħa.

Staqstejt ukoll lil Peppi kif kien iqattgħa l-jiem tal-festa. Huwa qalilna li meta kien imissu jaħraq lejlet il-festa ta' Santa Marija, l-għada f'jum il-festa hu flimkien ma' sħabu lil jaħdmu n-nar kienu jerfgħu fil-vara ta'

ikompli paġna 52



Ritrattt memorabbli meħud fl-1953 li juri n-nar maħdum għal dik is-sena. Mix-xellug jidher Toni Ebejer, Fidiel Camilleri u Peppi l-Parell li għadu jaħdem in-nar





*183, Eucharistic Congress Road, Mosta MST 09*
*Tel: 434604 Fax: 433902*

***For all your Motorbike accessories needs including Helmets, Safety Clothes, Travel equipment, Gloves and others***

## Peppi Mangion – il-Parell

minn paġna 51

Santa Marija waqt il-purċissjoni. Kien hemm żmien ukoll li l-grupp tan-nar kien jarma wkoll l-armar ta' barra u ta' dan ix-xogħol kienu jitħallsu Lm100 u din is-somma kienet tmur kollha għall-ispejjeż tan-nar.

Mistoqsi dwar x'inhu l-akbar sodisfazzjoni li qatt ħa f'dan ix-xogpol, Peppi qal li la darba il-murtali joħorġu mill-kanna kollox sew għax jekk jisplodi fil-kanna xi daqqa ta' ħadida tista' tieħu.

Peppi hu bniedem ta' karattru ferrieħi u l-għaxqa tiegħu waqt il-marċijiet. Hawn ġedded il-memorja tiegħu u xi ftit tiegħi, meta semmieli xi kwalità ta' marċijiet li kienu jsiru qabel dawn tal-lum speċjalment fl-aħħar tat-tridu. F'dan il-marċ kien jinħaraq bosta nar bħal sfafar, stoppini, bukketti u irdieden żgħar. Kien marċ imsemmi f'Malta kollha. Kien wieħed brijużu immens. Fl-1984 beda jsir marċ f'nhar Santa Marija, il-marċ ta' filgħodu. Fil-bidu kien ukoll sabiħ b'dawk is-sfafar li jinħarqu

### Kumpless ġdid

Fil-post il-ġdid li għandha bħalissa l-Filarmonika Santa Marija, Peppi qalilna li f'dan il-post hu ħafna aħjar minn dawk ta' qabel. Hawn għandna kumdità kbira, kulħadd jaħdem għal rasu, ix-xogħol il-lest jitneħħa minn ħdejhom u jiġi storjat f'kmamar aktar l-isfel mill-workshops. Għajjien wara ġurnata xogħol fil-kamra Peppi bi tbissima fuq fommu qalli sakemm il-Mulej itih is-saħħa jibqa' jaħdem in-nar, jorbot, jinkolla, jimla', insomma kollox u kull ma' hemm bżonn fil-fabbrika tan-nar. ■

*Manuel Tonna*



Wara sena xogħol sodisfazzjon ta' kulħadd meta joħroġ xogħol bħal dan

Ritratt: Paċik Galea


